**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 92/15 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi minn relazzjoni bejn il-partijiet twieled tifel, nhar l-20 ta' Mejju 2012, li gie rikonoxxut minn missieru C D F u jgib l-isem ta' L D F (ara Dok. A);
2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat u l-esponenti tixtieq li tirregola l-kura u l-kustodja, il-manteniment u l-access tal-imsemmi minuri;
3. Illi l-esponenti xtaqet li tirregola dan kollu u di fatti pprosegwiet permezz ta' proceduri ta' medjazzjoni, izda l-intimat qatt ma

attenda ghas-seduti ta' medjazzjonijiet quddiem il-medjatrici Charlene Bonnici;

4. Illi sussegwentament, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'dil-kawza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) permezz ta' digriet datat 18 ta' Marzu 2015 (ara Dok B);

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tordna l-kura u kustodja tal-minuri L D F tkun fdata f'idejn l-esponenti, b'dana illi l-minuri jghix mal-omm u dan kif jigi stabbilit minn din il-Qorti;
2. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-intimat ghall-imsemmi minuri, u jibqa hekk pagabbli sakemm l-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax (18)-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda jahdem bi qliegh jew sa tlieta u ghoxrin (23) sena jekk il-minuri jiddeciedi li jibqa' jistudja fuq bazi full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja;
3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-istess minuri;
4. Taghti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri L, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina il-Qorti;

Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u ghalhekk hu kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri L D F, fejn min-naha taghha l-attrici tikkontendi li ghandha tigi fdata b'mod esklussiv bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri *stante* li l-konvenut ma jiehux interess fih u ma jipprovdix manteniment b'mod regolari.

Il-qorti tirrileva li l-konvenut huwa kontumaci u ghaldaqstant hija priva mill-verzjoni tal-provi tieghu.

**<u>Verzjoni ta' l-attrici</u>**

L-attrici tixhed permezz ta' affidavit[1] u fih tiddikjara li hija trid tassumi r-responsabbilita' kollha ta' binha u dan minhabba diversi ragunijiet. Hi tghid li hija kellha relazzjoni twila mal-konvenut u kif spiccat din ir-relazzjoni, saret taf li kienet tqila bit-tifel taghhom, izda kif bdiet tipprova tikkomunika din l-ahbar mieghu, huwa beda jaqtalgha ghax beda jahseb li riedet tirritorna mieghu. Sadanittant beda jkollha wkoll xi indhil mit-tfajla li l-konvenut kien qieghed johrog maghha dak iz-zmien . L-attrici ssemmi li l-konvenut kien jghid li kien ikollu diversi problemi finanzjarji u ma kienx stabbli fil-hajja lavorattiva tieghu, madanakollu kien jirnexxilu jzomm tenur ta' hajja tajba ghalih innifsu. Meta twieled it-tifel, il-konvenut kien prezenti ghax riditu l-attrici u l-

[1] Ezebit a fol 41 tal-process

partijiet marru jirregistraw lit-tifel flimkien, u meta gew biex jghammdu lit-tifel, zviluppa argument ghaliex il-konvenut qal li ma riedx li t-tifel jitghammed. Huwa kien jghidilha li ladarba jkollu l-flus jgaghlha ssofri. Matul l-ewwel sena ta' hajjet il-minuri, l-konvenut beda juri izjed disinteress f'ibnu u l-attrici kienet toqghod tiskuzah, u fil-fatt hi ippjanat l-ewwel festin ta' gheluq snin it-tifel kompletament wahedha, u stiednet ukoll lill-genituri tal-konvenut, izda l-konvenuta ma apprezzax dan il-gest. Wara dan, l-attrici tghid li r-relazzjoni ta' bejniethom kompliet tiggrava ghaliex hu beda jnaqqas il-manteniment kull darba u ghat-tieni festin ta' gheluq snin il-minuri, l-konvenut saqsiha biex taghtih il-flus tar-rigal li kien se jixtri lil ibnu. Hi tkompli tixhed li darba miinhom kienet ma tiflahx u talbet lill-konvenut biex jghinha u minn fuq huwa ha lill-minuri, mhux id-dar tan-nanniet paterni, izda f'appartement li kien mimli nies li l-minuri ma kienx jafhom, kienu mill-Ewropa ta' l–Est, u dan gara peress li l-konvenut ma jafx joqghod wahdu mal-minuri. L-attrici zzid tghid li llum il-konvenut qatt ma jara lill-minuri jew jiehdu ghall-access u mhux involut fil-hajja tal-minuri. Il-konvenut kien qieghed ilaqqa' l-minuri mat-tfajla l-gdida tieghu u dan minn wara dahar l-attrici, u iktar ma beda jghaddi zmien, inqas beda juri interess fil-minuri, tant li l-ftit sieghat li kienu jiftehmu biex jarah, l-attrici kienet tippakkja l-basket b'kollox.

Sadanittant, l-attrici tghid li dejjem hallset ghal kollox hi, hallset ukoll l-assigurazzjoni ta-sahha tal-minuri, u l-konvenut qatt ma ha interess lanqas dwar fejn kien sejjer skola t-tifel u l-attrici tghid li l-minuri tilef ic-cans li japplika ghal skola tal-knisja ghaliex il-karti li kellu jiffirma l-konvenut biex jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu ghal dan il-ghan qatt ma gew lura ghandha. Ghal kull haga li l-attrici jkollha bzonn l-awtorizzazzjoni tal-konvenut, hija trid toqghod tigri warajh, ghalhekk qeghda titlob il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri. L-attrici tghid li l-konvenut ghamel l-istess meta giet biex tapplika ghall-passaport ta' binha.

Fil-fatt l-attrici tghid li meta jkollha bzonn l-ghajnuna, hi ssaqsi lill-genituri tal-konvenut, ghax maghhom zammet relazzjoni tajba u huma jaraw lit-tifel minuri fuq bazi regolari, izda qatt ma titlob lill-konvenut ghax taf li mhux ta' min jafdah.

L-attrici tghid li kull darba li tmur ghand it-tabib dejjem thallas hi minn butha u dan peress li m'ghandha l-ebda ghajnuna finanzjarja minghand il-konvenut. Meta l-minuri marad hafna u kellu jidhol l-isptar, il-konvenut ma marx jarah mall-ewwel, izda gie ghal ftit hin ma' ommu (n-nanna paterna) u minflok jiehu hsieb lill-minuri qaghad iqajjmu billi jilghab bil-gazaza tieghu.

Il-konvenut qatt ma staqsa lill-attrici biex jiehu t-tifel tieghu fil-festi tal-Milied u fl-ewwel tas-sena, u l-unici nies li jitolbu biex jarawh huma l-genituri tal-konvenut. L-attrici tkompli tghid li l-konvenut ma jafx fejn imur skola il-minuri ma jafx min huma l-ghalliema tieghu jew min hu t-tabib tieghu. Hija taghmel kollox wahedha. L-attrici talbet lill-konvenut biex jiehu lit-tifel mieghu f'Jum il-Missier, izda l-konvenut irrifjuta ghaliex kellu jkun xoghol, oltre dan, l-unici ftit okkazjonijiet li fihom il-konvenut jara lill-minuri, l-konvenut juzaghhom biex jipprova jikkonvinci lill-attrici twaqqa' l-kawza.

**<u>Verzjoni Konvenut</u>**

Il-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar il-verzjoni tal-konvenut jew x'jixtieq f'din il-kawza ghaliex il-konvenut ma jaghti l-ebda forma ta' xiehda.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Il-Qorti tirrileva li, apparti l-affidavit gia msemmi u x-xiehda li tat l-attrici, se tirreferi ghal provi ohra dokumentari li ipprezentat l-attrici, fosthom kopja tac- certifikat tat-twelid tal-minuri[2].

Illi jixhed ukoll permezz ta' affidavit[3] missier l-attrici, Philip Farrugia, li jikkonferma li l-minuri L D F dejjem ghex maghhom sa mill-gurnata li twieled, u li l-attrici ilha sentejn ma tircievi ghajnuna finanzjarja minghand il-konvenut, u li l-konvenut rari jistaqsi biex jiehu lil ibnu u illi fit-tielet festin ta' gheluq snin il-minuri, l-konvenut ma kienx prezenti.

Illi l-attrici tipprezenta wkoll *chat* bejnha u bejn il-konvenut u il-Qorti tara li jispikka l-mod ta' kif il-konvenut beda jipprova jikkonvinci lill-attrici twaqqa' din il-kawza u fl-ahhar messagg, meta l-attrici qaltlu jekk xtaqx li jiltaqghu ghand l-avukat biex jaslu ghal ftehim bonarju, ma rceviet l-ebda risposta.

**<u>Dwar il-Kura u l-Kustodja</u>**

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[4] fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal*** " kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[5] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[6] fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal*** ".*

[2] Ezebit a fol 5 tal-process
[3] Ezebit a fol 50 tal-process
[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[5] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[6] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

Il-qorti f'dan l-istadju ma tistax ma taghtix kredibilita' lill-attrici, fin-nuqqas ta' prova kontrarja tal-konvenut, l-attrici uriet kemm verament qieghda tiehu hsieb lill-minuri bl-ahjar mod possibbli. Dan hu kkonfermat mix-xiehda u mill-provi dokumentarji li ipprezentat l-attrici li segwiet kull pass legali biex dak li taghmel taghmlu skond il-ligi. Dan juri bic-car mhux biss sens ta' maturita', izda wkoll sens li l-attrici kapaci tpoggi l-interessi ta' binha qabel taghha.

Min-naha tieghu, il-konvenut jidher li m'ghandu ebda interess fil-minuri, tant li kuntatti ma' l-attrici u mal-minuri huma rari, tant li l-attrici kellha taqa' fuq l-ghajnuna tal-genituri taghha u tal-genituri tal-konvenut, izda ma sabitx wens fil-konvenut innifsu. Il-problemi ta' kuntatt mal-konvenut kienu ghaddejin sahansitra anke fi zmien meta l-attrici kienet ghadha tqila bil-minuri. Tali nuqqas ta' interess fil-minuri juri li l-istess konvenut zgur li m'huwiex idoneju biex ikun fdat bil-kura u l-kustodja ta' inbu, anke jekk b'mod kongunt ma' l-attrici. Dan iktar u iktar fl-isfond tal-fatt li l-konvenut m'ghandux idea fejn imur skola l-istess minuri, u joqghod jaghmilha difficli biex jaghti l-awtorizzazzjoni tieghu ghal affarijiet tant bazici bhal hrug ta' passaport, jew bhal firma biex it-tifel jirregistra ghal xi skola jew ohra. Interferenzi ta' dawn it-tip, specjlament dawk relatati ma' l-edukazzjoni tat-tfal minuri, qatt ma huma tollerati minn din il-Qorti.

Dan it-tip ta' agir minn missier m'ghandu qatt jinghata s-setgha li jippregudika l-hajja ta' minuri. Min-naha l-ohra, l-fatt li l-konvenut ma tantx jiehu interess fil-minuri, ma jfissrix li awtomatikament l-minuri ghandu jkun fdat f'idejn l-omm. Irid jigi accertat li dan ikun fl-ahjar interessi tal-minuri.

Izda mill-provi esebiti mhux kontradetti, kif ukoll mill-fatt li l-attrici ilha tiehu hsieb lill-minuri li minn mindu twieled, dejjem ghex maghha, ghamlet minn kollox biex izzomm kuntatt mal-familja tal-konvenut u l-konvenut innifsu, hadet hsiebu metikolozament meta l-minuri kien marid, ippruvat iddahhal lill-minuri fl-ahjar skejjel u dejjem harset l-ahjar interessi ta' l-istess minuri in generali. Dan iwassal lil din l-istess

qorti sabiex minghajr ebda ombra ta' dubju tiddeciedi li verament huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tat-tifel L D F tigi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attrici. Dan ifisser li ghandha tkun l-istess attrici li b'mod esklussiv tiehu d-decizjonijiet kollha relatati mal-istess minuri, specjalment in vista tal-fatt li jirrizulta car li l-konvenut mhux prezenti, izda huwa fil-maggor parti assenti mill-hajja tal-istess minuri.

**<u>Manteniment</u>**

F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

ghall-artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*"

u ghall-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici.*"

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genturi versu l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-

termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skont il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu l-xulxin skont id-dettami tal-ligi u skont il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri, izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, ma ghandna l-ebda prova ta' introjtu kemm ta' l-attrici kif ukoll tal-konvenut. It-tifel minuri huwa prijorita' u jigi l-ewwel u qabel kollox u irrispettivament jekk il-konvenut ghandux qliegh *o meno* din il-Qorti ser tghaddi biex tistabilixxi retta alimentarja li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici bhala manteniment ghal binhom L D F.

F'dan il-kuntest il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordnat li ihallas is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghall-minuri L D F. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess tifel. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-konvenut ihallas somma fissa fix-xahar milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li r-relazzjoni bejn il-partijiet m'hix wahda tajba u tali arrangement ma jkunx wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlaq it-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement issir maggorenni u jkun qieghed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi full-time jew jilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tifel minuri L D F. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat, il-qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri L D F tkun fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attrici Alessandara Farrugia;

2. Tilqa' t-tieni talba u tilqa' limitatament it-tielet talba, u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri L D F fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) kull erba' gimghat, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess iben. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas *di fermo* sakemm l-istess tifel jilhaq l-eta maggorenni. Jekk l-istess tifel sussegwentmenet issir maggorenni u jkun qed jistudja fuq bazi full-time, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess tifel minuri jilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita' sehh l-ewwel, u f'kaz li t-tifel minuri jkun lahaq l-eta maggorenni u ma jibqax jghix ma' l-attrici ommu, allura il-manteniment dovut ghandu jibda jithallas direttament lilu;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba stante li din il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.